*- REVOKA IN PARTE TA' MANDAT KAWTELATORJU TA' SEKWESTRU -*

*- ART 836 (1) (C) U (F) TAL-KAP 12 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 4 t'April 2001**

**Kawza Numru: 43**
**Rikors Numru 340/01/RCP**
**fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 4378/00 tad-29 ta' Dicembru 2000 fl-ismijiet:**

**Dr Stephan Muscat bhala mandatarju specjali ta' BAHRAM u SUZANNE konjugi GHAHREMANI**

**vs**

**Carmelo sive Charles u Anna konjugi Pisani**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors prezentat fl-1 ta' Marzu 2001 a fol. 1 fejn ir-rikorrenti konjugi Pisani talbu li prevja d-dikjarazzjoni li fil-Marsa Branch tal-HSBC Bank Malta plc jinsabu sekwestrati fondi bizzejjed biex jaghmlu tajjeb ghall-pretensjonijiet tas-sekwestrant nomine, thassar u tirrevoka l-imsemmi mandat ta' sekwestru numru 4378/00 in kwantu jeffettwa lil Bank of Valletta plc, Lombard Bank (Malta) plc u APS Bank Ltd bhala sekwestranti taht l-istess mandat u thallih ferm ghall-dak li jirrigwarda l-HSBC Bank (Malta) plc.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-8 ta' Marzu 2001 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat li Dr Stephen Muscat gie notifikat fl-14 ta' Marzu 2001 u baqa' ma pprezenta l-ebda risposta.

Rat ir-rikors tal-Qorti ta' l-20 ta' Marzu 2001 fejn appuntat ir-rikors ghad-29 ta' Marzu 2001.

Rat il-verbal tad-29 ta' Marzu 2001 fejn Dr Galea Debono ghar-rikorrenti tratta l-istess rikors u peress li l-intimat debitament notifikat baqa' ma deherx, ir-rikors thalla ghal digriet finali ghall-4 t'April, 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dan ir-rikors sar a bazi ta' l-artikolu 836 (1) (c) u (f) li jipprovdu rispettivament li:

(c) *Ikun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug ta' l-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-Qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni;*

(f) *jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhux aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

Illi l-bazi tar-rikorrenti ghat-talbiet minnu maghmula hija li ineffetti kif jirrizulta mic-certifikat mahrug mill-Manager tal-HSBC Bank (Malta) plc datat 29 ta' Dicembru 2000 il-kont hemm indikat tar-rikorrenti gie sekwestrat fl-ammont indikat fil-mandat kawtelatorju ta' sekwestru Numru 4378/2000 fl-ammont ta' Lm20,290 u ghalhekk m'hemmx skop li s-sekwestru fuq il-banek l-ohra jibqa' *in vigore* stante li l-ammont pretiz mill-intimat nomine huwa sufficjentement kawtelat bis-sekwestru fuq il-bank HSBC Bank (Malta) plc.

Illi ineffetti dan jinsab ukoll ikkonfermat bl-ittra ta' l-istess bank datata 6 ta' Frar 2001 annessa ma l-atti tal-Mandat ta'

Sekwestru Kawtelatorju premess, anzi jirrizulta li ammont simili qed jigi mizmum mill-Bank of Valletta plc ukoll (ittra datata 15 ta' Marzu 2001 fl-atti ta' l-istess mandat).

Illi abbazi tal-premess l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti gew ilkoll pruvati u *di piu`* ma huma bl-ebda mod ikkontestati, u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti kif imposti ghandhom jigu milqugha abbazi ta' l-**artikolu 836 (1) (c) u (f) – Kap 12**.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti** fir-rikors taghhom ta' l-1 ta' Marzu 2001 u previa l-konferma tal-Mandat Kawtelatorju ta' Sekwestru Numru 4378/2000 fl-ismijiet "Dr Stephen Muscat noe vs Carmelo sive Charles u Anna konjugi Pisani" mahrug fid-29 ta' Dicembru 2000 in kwantu jikkoncerna s-socjeta` HSBC Bank (Malta) plc fejn jinsabu sekwestrati fondi bizzejjed biex jaghmlu tajjeb ghall-pretensjonijiet tas-sekwestrant nomine, fl-istess waqt thassar u tirrevoka l-imsemmi mandat ta' sekwestru numru 4378/00 in kwantu jaffettwa lil Bank of Valletta plc, Lombard Bank (Malta) plc u APS Bank Ltd bhala sekwestratarji taht l-istess mandat u thallih ferm ghal dak li jirrigwarda l-HSBC Bank (Malta) plc u tordna li a spejjez ta' l-intimat nomine kopja formali ta' dan id-digriet tigi notifikata lill-istess socjetajiet HSBC Bank (Malta) plc, Bank of Valletta plc, Lombard Bank (Malta) plc u APS Bank Ltd u li

jinhareg il-Kontro Mandat relattiv in konformita` ma dan id-digriet kollox a spejjez ta' l-istess intimat nomine.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess intimat nomine.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**4 ta' April 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**4 ta' April 2001.**